# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 24

Il-Hamis, 1 t'Ottubru, 2009

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fil-5.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Valerie Borg, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 23 li saret nhar il-Hamis, 10 ta' Settembru, 2009 kienu konfermati.

## HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

**r-city u Moon Festival**
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-attivitajiet r-city u l-moon festival kienu saru b'success.

## KORRISPONDENZA

Inqraw l-ittri l-aktar rilevanti.

- Il-Kunsill qabel li l-organizazzjoni WINK li hija ghaqda ta' l-istudenti universitarji, tpoggi stand zghir f'Bieb il-Belt minfejn ikunu jistghu jitqassmu b'xejn pubblikazzjonijiet ta' l-istess organizazzjoni;

- Il-Kunsill ircieva ilment minn persuna li waqghet fi Triq Merkanti minhabba l-fili wiesgha fil-paviment. Il-Kunsill ra li dan huwa progett li ghadu kif sar u qabel li jirreferi l-kaz lill-Ministeru responsabbli mill-progett;

- Il-Kunsill ircieva ittra ta' ringrazzjament mill-Kunsill Lokali Mellieha ghall-ospitalita` li nghatat delegazzjoni ciprijotta waqt li kienet fil-belt Valletta;

- Il-Kunsill qabel li s-Sinjorina Gabriella Agius tattendi contact seminar ta' Leonardo f'Reykyavik bejn it-22 u l-24 t'Ottubru. Dawn il-contact seminars huma importanti biex jingiebu aktar kuntatti ghal progetti ta' l-EU.

- Il-Kunsill ircieva proposta mill-Kunsill Lokali Munxar biex il-belt Valletta tospita wirja ta' artist taljan dwar il-hajja ta' San Pawl. L-ispejjez ghal din il-wirja jlahhqu madwar 286 Euros. Il-Kunsill qabel li jfittex post fejn din tista' ssir.

- Il-Kunsill ircieva proposta b'disinn iddettaljat minn Merisi Caffe` ta' Triq Nofsinhar k/m Triq id-Dejqa sabiex johrog imwejjed fi Triq id-Dejqa. Il-Kunsillier Camenzuli qal li hu ma jaqbilx illi jsiru dawn l-imwejjed minhabba l-istorbju li dawn jistghu jikkawzaw. Il-kumplament tal-membri tal-Kunsill qablu mal-proposta, dejjem skond il-permessi tal-MEPA u r-regolamenti tal-Pulizija;

- Il-Kunsillier Farrugia pprezenta lill-Kunsill rapport dwar seminar li attenda u li kien organizzat mill-MEUSEC dwar il-Kreattivita` - Komunitajiet bejn Kunsilli Lokali u Arti.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Parking bays riservati ghall-Membri Parlamentari fi Triq ir-Repubblika u Triq l-Ifran***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien sar *request* mill-Parlament biex isiru *parking bays* riservati ghall-Membri Parlamentari fi Triq ir-Repubblika u Triq l-Ifran minhabba li tnehhew dawk tal-Main Guard. Din it-talba giet approvata wkoll mill-ADT li hija l-awtorita` regolatorja.

Il-Kunsillieri Azzopardi u Camenzuli qalu li huma ma kenux jaqblu u setgha nstab post iehor fejn jipparkjaw. Qalu li saru sinjali sofor flok dawk hodor tar-residenti.

Is-Sindku qal li saru dawn il-parking bays sofor u hemm qbil fil-principju li jizdiedu parking bays ghar-residenti. Huwa fakkar ukoll li Triq ir-Repubblika minn Triq San Kristofru 'l fuq lejn il-Main Guard ser ikun pavimentat. Qal ukoll li ser jinbidlu l-bollards kollha tac-centru u ser isiru *electric bollards*. Wara li jitlestew dawn ix-xoghlijiet u jitlestew il-pjanti ta' kif inhuma l-marki tat-toroq, il-Kunsill jipproponi fejn jista' jzid marki ghar-residenti.

***Notte Bianca***
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ghan-Notte Bianca qed tigi ko-ordinata mill-Kunsill sistema ta' Park & Ride mill-car park tal-Pieta`.

***Mwejjed u Siggijiet fi Triq Merkanti***
Is-Sindku qal li qed isiru disinji ghal dan il-ghan u jidher li hemm qbil ukoll bejn il-hwienet ta' Triq Merkanti. Qed jigi propost ukoll li jsiru pots b'sigar tac-citru u kollox ser ikun jista' jizzarma mit-triq.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru

**AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI**

Il-Kunsillier Azzopardi ppropona li jsiru zewg sleeping policemen fi Triq Merkanti vicin il-knisja ta' San Duminku minhabba l-abbuzi li qieghed isir fis-sewqan tal-vetturi. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

**TMIEM**

Fis-7.00pm intemmet is-Seduta.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku